MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1808/1997/1

**Austin Gonzi**

**Vs**

**Malta Drydocks Corporation; u b' digriet tal-Qorti tat-2 ta' April 2004, Saviour Gauci f' isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks gie awtorizzat jassumi l-atti ta' din il-kawza minflok il-Korporazzjoni konvenuta.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Awissu 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur impjega ruhu bhala Security Guard mas-socjeta` konvenuta;

Premess illi fid-9 ta' Mejju 1997 huwa gie akkuzat b' offiza dixxiplinarja fil-kategorija ta' Group 1 (Dok. A);

Premess illi b' ittra tal-21 ta' Mejju 1997 huwa gie nformat illi l-Bord tad-Dixxiplina kien iddecieda li jissospendih ghal tliet gimghat u jittrasferih mis-Security Department (Dok. B);

Premess illi l-Ewwel Bord ta' l-Appell, irriduca l-piena ta' sospensjoni minn tliet gimghat ghal gimghatejn, imma kkonferma l-piena ta' trasferiment mis-Security Department (Dok. C);

U premess illi l-Bord tat-Tieni Appell ma ta ebda opportunita` lill-attur li jissottometti l-kaz tieghu;

U premess illi l-konvenuti rrifjutaw il-hatra ta' Referee Indipendenti previst mir-Regolamenti ta' Dixxiplina;

Premess illi f' dawn il-proceduri gew vjolati bi pregudizzju ta' l-esponent il-principji ta' smigh xieraq in kwantu huwa qatt ma gie moghti kopja tar-rapport li kien sar kontra tieghu; qatt ma gie moghti kopja tal-verbali tal-proceduri, qatt ma gie moghti kopja tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li minnha kellu jappella, u ma thalliex jissottometti l-kaz tieghu lill-Bord tat-Tieni Appell;

U premess illi fi kwalunkwe kaz il-piena ta' trasferiment hija *ultra vires* ghar-Regolamenti ta' Dixxiplina li jorbtu lill-partijiet;

U premess illi t-trasferiment ta' l-attur mid-Dipartiment tas-Security ghal xoghol klerikali fil-Manoel Island qed jikkawzalu danni reali u pregudizzju finanzjarju, konsistenti f' telf ta' qligh;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha li sofra u qieghed isofri l-attur;

2. Tillikwida dawn id-danni;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta pprezentata fit-13 ta' Mejju 1998, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok illi l-isem korrett tal-korporazzjoni konvenuta huwa Malta Drydocks;

2. Preliminarjament ukoll illi c-citazzjoni hija monka billi ma hemm ebda decizjoni ta' Qorti kompetenti li l-proceduri ta' dixxiplina huma nulli jew li d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina hija *ultra vires* u li b' konsegwenza l-attur sofra xi danni. Konsegwentement it-talbiet attrici huma f' kull kaz legalment infondati;

3. Preliminarjament ukoll illi din il-Qorti m' hijiex kompetenti biex tissindika amministrattivament l-ghemil tal-korporazzjoni konvenuta in kwantu dak l-ghemil jirreferi ghall-organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna;

4. Illi f' kull kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-attur huwa suggett ghad-dixxiplina skond il-procedura ta' dixxiplina vigenti fil-Malta Drydocks ghall-haddiema kollha, u nghata l-opportunita` kollha biex jispjega u jiddefendi ruhu;

5. Illi inoltre d-dixxiplina fuq ix-xoghol hija prerogattiva tal-*management* mehtiega biex l-attivita` tal-korporazzjoni tista' timxi bla tfixkil. Ma hemm ebda htiega li d-dixxiplina tigi ezercitata minn xi organu indipendenti jew imparzjali. B' dana kollu u bla pregudizzju l-attur inghata smigh

xieraq u kull opportunita` xierqa biex iressaq id-difiza tieghu. Fin-nuqqas ta' qbil ir-rimedju li kellu l-attur kien li jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali;

6. Illi l-istess attur accetta l-gurisdizzjoni u ssottometta ruhu ghall-procedura ta' dixxiplina tal-*management* tal-Malta Drydocks, u ma jistax issa jattakkha ghaliex ma jaqbilx mad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu;

7. Illi f' kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-decizjonijiet li ttiehdu kienu korretti u gustifikati u din il-Qorti m' ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-*management* tal-korporazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Professur Noel Zarb Adami, *Chairman* ta' l-istess korporazzjoni konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-30 ta' Gunju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-Nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata fis-27 ta' Awissu 2004 mill-konvenut Saviour Gauci f' isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks, liema konvenut *nomine* kien awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza b' digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' April 2004;

Rat is-sentenza in parte ta' din il-Qorti moghtija fis-27 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha intlaqghet l-ewwel talba ta' l-attur limitatament fuq il-bazi tal-premessa illi l-piena tat-trasferiment imposta fuq l-attur hija *ultra vires* ir-Regolamenti tad-Dixxiplina li jorbtu lill-partijiet u konsegwentement l-ewwel talba attrici giet milqugha u l-

ispejjez relattivi ghaliha kellhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet;

Rat ix-xhieda kollha migbura in segwitu ghall-imsemmija sentenza in parte;

Rat in-Nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur intavolata fid-29 ta’ Marzu 2006;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-Korporazzjoni konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Id-danni li l-attur qed jispetta li jikkonsegwi bit-tieni u t-tielet talbiet tieghu huma dawk konsegwenzjali ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Ottubru 2004 (fol. 250) li fiha, fuq l-ewwel talba, gie determinat illi l-piena tat-trasferiment imposta fuq l-attur mit-Tarzna konvenuta kienet *ultra vires* ir-Regolamenti tad-Dixxiplina li jorbtu lill-partijiet. Hekk jinsab sottomess mill-attur fin-Nota tieghu lil din il-Qorti (fol. 357) illi hu jaspira ghal rizarciment komplessiv ta’ disat elef mitejn u erbgha u disghin lira u sittin centezmu (Lm9,294.60) korrispondenti ghat-telf fl-introjtu tieghu mill-impjieg ghas-snin 1997, 1998 u 1999 li matulhom, in forza tas-sanzjoni dixxiplinarja, ma baqax jippresta servizz ta’ Security Guard fit-Tarzna ghax gie trasferit band’ ohra;

Huwa fatt accertat mix-xhieda tal-Paymaster Alfred Mifsud (fol. 279, 307, 326 u 353) illi b’ rizultat tat-trasferiment impost fuqu, nonostante li l-*basic wage* tieghu baqghet intatta, l-attur sofra telf ta’ dhul mix-xoghol li bhala security guard kien jippercepixxi fil-Hdud jew fl-iljieli. Dan ghall-perijodu bejn l-4 ta’ Lulju 1997 u l-24 ta’ Dicembru 1999

meta l-attur gie *boarded out* ghar-ragunijiet medici. Ara Certificate of Service a fol. 32 u dokumenti ohra in atti;

Dan premess, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti jkun zball jekk il-materja hawn involuta tirreduci ruhha ghal semplici kalkolu matematiku tad-danni u xejn izjed. Dejjem fil-hsieb tal-Qorti l-gudizzju taghha ghandu jkun kalibrat b’ tali mod li jittiehed rigward ukoll tal-fatt illi fuq il-bazi tad-dokumenti esebiti u tar-rizultanzi istruttorji, kemm f’ din il-kawza u dawk l-ohra quddiem il-Bordijiet interni ta’ Dixxiplina, l-attur kien jisthoqqlu xi forma ta’ sanzjoni dixxiplinarja, anke jekk dik adottata kienet ‘l hinn mir-Regolamenti tal-Kodici ta’ Dixxiplina. Ikollu forsi jigi ripetut illi fuq l-accertament gudizzjarju ta’ din il-Qorti s-sanzjoni dixxiplinarja ma kienetx *per se* illegittima imma dik irrogata ma kienetx wahda idoneja jew konformi ma’ dak prevvist fir-regolamenti;

Huwa veru li l-attur irnexxielu fl-impunjattiva ta’ dik is-sanzjoni specifika. Dan pero` mhux tant ghas-sostanza ideologika tas-sanzjoni imma ghall-mizura rregolari taghha. Minn dan jitnissel illi fir-ricerka taghha tal-kumpens aspettat mill-attur, il-Qorti ma tistax twarrab jew tinjora l-imputazzjonijiet addebitati lilu u li gew hekk provati minghajr l-attur ma rnexxielu jasal biex jiskagona ruhu minnhom;

Huwa fatt li l-attur instab fi htija li ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija, assentixxa ruhu ingustifikament minn fuq il-post tax-xoghol, irrifjuta li jippresta nkarigi specifici lilu affidati u, mhux lanqas, insulta u hedded lis-superjur gerarkiku tieghu. F’ dan kollu hi ravvizabbli ipotesi ta’ dik l-insubbordinazzjoni u ta’ l-imgieba illegittima u oltraggjuza li tiggustifika t-tehid ta’ sanzjoni dixxiplinarja;

Il-Qorti ma tistax titlef di vista din il-kondotta kolpuza fl-attur u l-vjolazzjoni minnu ta’ l-obbligi tad-diligenza u tal-korrettezza mistennija minnu. Mod iehor, tkun qed

tippremjah anke ghal dawn in-nuqqasijiet u, ghall-Qorti rizultat bhal dan ma jistax ikun hlief wiehed zbaljat u inikwu;

Dan kollu jwassal ghal konsiderazzjoni illi fid-determinazzjoni tal-*quantum* tad-danni l-mertu applikat ghandu, fil-fattispeci, ikun dak tal-valutazzjoni ekwitattiva billi jittiehed qies tal-konkors tad-diversi fatturi fil-fattispeci;

M' hemmx kwestjoni illi skond il-principju generali in materja ta' danni l-lukru cessanti jikkorrispondi ghal telf ta' valur ekonomiku. Dan jipprezupponi l-prova, anke indizzjarja, ta' l-utilitajiet mitlufa u li, skond il-gudizzju ta' probabilita`, l-attur kien jikkonsegwi kieku ma kienx ghall-fatt tat-trasferiment mill-impjieg tieghu bhala security guard fit-Tarzna ghal xoghol klerikali f' Manoel Island Yacht Yard. Kif manifest superjorment, din il-prova tinsab adegwatament sodisfatta permezz tax-xhieda ta' Alfred Mifsud u tad-dokumenti kopjuzi minnu esebiti relattivament ghad-dhul li rcevew security guards ohra fil-perijodu in kwestjoni. Minn naha l-ohra, kif gja wkoll rilevat, din il-Qorti ma tistax semplicistikament taccetta fl-ghama din it-teorija tad-differenza bejn l-ammont li ipotetikament l-attur kien jircievi, kieku ma kienx ghad-decizjoni mehuda tat-trasferiment, u d-dhul effettiv mis-security guards l-ohra. Dan ghaliex l-ezercizzju jirrikjedi, kif intqal ukoll, apprezzament ekwu tac-cirkostanzi kollha ghax inkella kull likwidazzjoni li ma tipprestax attenzjoni xierqa lil dawn kapaci tirrizulta manifestament erronea u inikwa;

Kif taraha din il-Qorti, fl-ekwu apprezzament wiehed ghandu per necessita` jirreferi ghal mudell konswet tal-*bonus paterfamilias* b' mod li jippresta konsiderazzjoni xierqa lic-cirkostanzi kollha maghrufa. Senjatament ukoll, illi mhux bizzejjed li wiehed jillimita ruhu biex jidentifika n-nuqqasijiet jew il-gravita` taghhom minghajr ma japplika wkoll dak il-principju san tal-proporzjonalita` bejn l-

infrazzjoni u s-sanzjoni. Kollox ghandu, ghall-kuntrarju, jigi valutat fl-entita` oggettiva u soggettiva tieghu;

Fl-opinjoni taghha, din il-Qorti trid tevita li toqghod taghmel ezercizzju aritmetiku minuzzjuz ta' kemm suppost ghandhom ikunu id-danni misthoqqa, tenut qies tal-fatti kollha incidenti fuq dawn id-danni, kif aktar 'il fuq kummentati. Dan anke ghaliex huma kwazi impossibbli li wiehed jikkwalifika ezattament u b' mod sikur d-danni fil-kontingenzi superjorment accennati. Minn dan jitnissel illi l-valutazzjoni u l-likwidazzjoni taghhom ghandha tkun wahda "*ex aequo et bono*", kif tinsenja s-sentenza riporatata a **Vol. XXXV P III p 615**;

Fil-kumpless, din il-Qorti tahseb li hu gust u xieraq li, mehud rigward tat-telf ta' introjtu li l-attur jallega li ssubixxa f' rapport mal-kondotta tieghu, meritevoli ta' sanzjoni dixxiplinarja, id-danni li talvolta l-attur hu ntitolat jircievi b' rizarciment m' ghandhomx jissuperaw is-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u erbghin lira (Lm4647) korrispondenti ghan-nofs tas-somma kif minnu komputata.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi t-tieni u t-tielet talbiet attrici billi fl-ewwel lok tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbat elef sitt mija u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm4647). Konsegwentement tikkundanna lit-Tarzna konvenuta, jew lis-subentrat minflokha, li jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni, bl-interessi dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------